MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 34/1999/1

Rikors Nru: 34/99

Agent Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Josephine Sant, Suzanne Stafrace, Audrey Sant, Vincent Sant

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Agent Kummissarju ta' l-Artijietipprezentat fis-27 ta' Awissu, 1999 fejn espona:

1. Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 12 ta' Marzu, 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'H'Attard tal-kejl ta' cirka 2070 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Vincent Said u mill-

Majjistral ma' proprjeta' ta' Josephine Azzopardi huwa ta' elf, tliet mija u disghin lira Maltija (Lm1,390) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick H Valentino A&C.E. ta' l-4 ta' Mejju,1998, li kopja tieghu (Dok A) qed jigi notifikat lilhom ghall-finijiet kollha tal-ligi.

2. Illi b'ittra ufficjali tal-5 t'April, 1999 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamest ef lira (Lm5,000) it-tomna.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitolb bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur ir-rikorrenti b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta ta' l-intimati fejn esponew illi:

Illi l-kumpens offert ta' Lm1,390 huwa baxx iz-zejjed, tenut kont tal-konfigurazzjoni u lokal ta' l-art in kwistjoni, l-kumpens mitlub mill-esponenti ta' Lm5,000 it-tomna huwa ferm aktar gust u reali u konformi mal-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti teknici

Ikkunsidra:

1. Ir-rikorrent qed joffri Lm1390 ghall-art bhala kumpens. L-intimati qed jitolbu Lm9208 (tomna: 1124 metri kwadri) a bazi ta' Lm5000 it-tomna. (Lm5000 x 2070m k ÷ 1124 m k)

2. Il-valur gust stmat mill-imsemmija periti hu Lm5500.

Ghalhekk il-Bord jordna lill-intimati li jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'H'Attard tal-kejl ta' cirka 2070 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Vincent Said u mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Josephine Azzopardi bil-kumpens ta' Lm5500;

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala n-nutar tar-rikorrent biex jippubblika l-att fl-ufficju tar-rikorrent nhar id-29 ta' Marzu, 2006 fl-10:00am. u jahtar lill-avukat Guido Pace Spadaro biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------